MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 1119/2003

**CARMEN CIARLO**

**Vs**

**MARIA DOLORES CASSAR**

Il-Qorti,

Rat l-atti tac-citazzjoni li biha l-attrici ppremettiet illi mis-7 ta' Settembru, 2002 sal-24 ta' Ottubru, 2002 l-attrici selfet "*brevi manu*" lill-konvenuta diversi kapitali li jammonta ghal LM11,850;

Ippremettiet illi din is-somma kienet mislufa b'rata ta' interessi ta' tmienja fil-mija (8%), l-interessi *a scaletta* fuq is-somma mislufa jammontaw ghal LM948;

Ippremettiet illi ghalkemm interpellata diversi drabi sabiex thallas, anke b'ittra ufficjali datata 4 ta' Settembru, 2003 – Dok C1 – il-konvenuta baqghet inadempjenti.

Talbet ghalhekk biex il-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' LM11,850 bhala kapital u LM948 bhala interessi li komplessivament jammontaw ghal LM12,798.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra uficcjali datata 4 ta' Settembru, 2003.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' l-attrici;

Semghet l-Avukat ta' l-attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------